MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2680/2002

**R.A.B. Limited**

**Vs**

**Shopwise Foods Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz fejn is-socjeta' attrici talbet l-ammont ta' Lm259.24c (mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti prezz ta' prodotti ta' l-ikel mibjugha *wholesale* lis-socjeta' konvenuta, liema ammont ma thallasx, bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali komputat mit-22 ta' Dicembru, 1998.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li m'humiex debituri tas-socjeta' attrici.
Sema' x-xhieda w ezamina d-dokumenti kollha li gew esebiti matul il-kawza.

Anthony Briffa ghas-socjeta’ attrici qal li s-socjeta’ attrici kienet tikkonsenja affarijiet ta’ helu w ikel lis-socjeta’ konvenuta li kellha *credit terms*. Briffa esebixxa bhala Dok. RAB *statement* fejn hemm imnizzel l-ammont dovut ghad-diversi konsenji (din l-i*statement* tinkludi nota fejn hemm talba ghal pagament ta’ dak li hemm dovut). (Fol 40 tal-process).

Illi s-socjeta’ konvenuta pprezentat tlett *cheques* li bihom qed tallega li l-ammont mitlub mhux dovut. Illi dawn ic-*cheques* gew accettati w anki rregistrati bhala pagamenti mis-socjeta’ konvenuta fir-*remittance advice*. Izda, f’dan il-kaz, hija s-socjeta’ konvenuta li trid tipprova li dawn il-pagamenti saru ghas-saldu dovut u dan in via tal-principju li l-obbligu ta’ prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah. Illi l-istess socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova li dawn il-pagamenti saru ghall-ammont dovut lis-socjeta’ attrici. Illi s-socjeta’ konvenuta kienet taf liema ammonti kienu mitlubin mis-socjeta’ attrici. Jekk hallset dawn l-ammonti kellha tesebixxi *cheques* ghal dawn l-ammonti bhal ma esebiet ic-*cheques* ghall-ammonti l-ohra. Is-socjeta’ konvenuta kellha tipprova li saru l-pagamenti u naqset li tesebixxi rcevuti ghall-pagamenti jew almenu c-*cheques* ghall-ammonti specifikati mis-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ konvenuta naqset li tipprezenta xi prova li s-socjeta’ attrici harget *credit notes* ta’ Lm50 (hamsin lira Maltin) u Lm200 (mitejn lira Maltin). Ix-xhud Mintoff jghid li dawk kienu dovuti ghall-*adverts* u ghax-xkaffi biex is-socjeta’ attrici tesebixxi x-xoghol tieghu izda s-socjeta’ konvenuta naqset li ggib prova ta’ dan l-allegat kreditu, naqset li ssemmi dan l-ammont allegatament dovut lilha fir-Risposta u naqset li tesebixxi xi *invoice* jew xi talba ghal pagament ghal dawn l-ammonti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi li l-ammont ta’ Lm259.24c (mitejn u disgha u hamsin lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta, u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l-ammont mitlub fl-Avviz lis-socjeta’ attrici bl-ispejjez u bl-imghax mit-22 ta’ Dicembru, 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------